**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 15 ta' Jannar 2001.

Il-Pulizija
Spettur Geoffrey Azzopardi

Vs

Joseph Mary Mangion.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Mary Mangion ta' 37, iben George u Josephine nee' Mangion, imwieled Attard nhar it-3 ta' Marzu 1963 u residenti numru 54, Triq Sir Ugo Mifsud, Lija, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 157863 M;

Talli nhar it-3 ta' Awissu 2000 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz (AAB 876) fuq vettura tal-ghamla Mercedes, ai termini tal-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta'number plates foloz (AAB 876) fuq vettur ohra tal-ghamla Mercedes, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta'Malta u tal-Artikolu 17 u 31 tar-

regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta'Malta;

U aktar talli fit-3 ta' Awissu 2000 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-ghamla Mercedes meta din ma' kienitx koperta b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma' kienitx koperta b'polza tal-assikurazzjoni.

Wara li rat L-Artikoli 188, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi Bil-Mutur (A.L. 128/1994) u l-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Joseph Mary Mangion hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, ,din il-Qorti wara illi assigurat ruhha illi dak li ghamel l-imputat kien sforz ic-cirkostanzi tal-hin , u wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat, qeghda issibu hati u tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.  Din il-Qorti, qeghda wkoll tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250), b'rati mensili ta' ghaxar liri maltin (Lm10).

Il-Qorti spjegat il-portata ta'din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.